SAN LAWRENZ

Il-minuti tad-disgha u erbghin laqgha tas-sitt Kunsill Lokali San Lawrenz li nzammet nhar it-Tnejn l-1 ta' Settembru 2014 fl-Ufficju tal-Kunsill fit-8:15 ta' filghodu.

**Prezenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku: | Anthony Cassar |
| Vici Sindku: | Michelina Mercieca |
| Kunsilliera: | John Mercieca |
| | Luigia Grima |
| | Rose Vella |
| Segretarju Ezekuttiv: | Lucienne Haber |
| Ambaxxattrici: | Renee' Formosa |

1.0 Il-laqgha nbdiet b'talba.

2.0 Inqraw il-minuti u gew ikkonfermati.

**<u>3.0 Hatra ta' Agent Segretarju</u>**

3.1 Is-Sindku semma' li d-Dipartiment beda jistharreg mas-Segretarji Ezekuttivi sabiex iservu bhala Agent Segretarju u s-Sinjura Odette Camilleri li hija s-Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill Lokali Fontana accettat li sservi bhala Agent. Il-Kunsill qabel ma dan. Sar qbil ukoll li ghandna niktbu lid-Dipartiment u naraw jekk jaghtinix awtorita' li nimpjegaw skrivan/a temporanjament sakemm ikun hawn Segretarju Ezekuttiv tal-fiss.

**<u>4.0 Htiega ta' camera ghal fuq il-bring-in-sites ta' Triq il-Gebla tal-General</u>**

4.1 Is-Sindku rrefera ghan-nirien li hakkmu lill-Bring-in-Site ta' Triq il-Gebla tal-General x'aktarx bhala att vandalu. Huwa semma' li kienu n-nies li ghamlu rapport bin-nirien u li gew mitfija wara ftit. Huwa semma' li mar jaghmel rapport mal-Pulizija u rrapporta l-kaz mal-Wasteserv

u l-Green MT. Huwa propona li f'dan l-istadju ghandna naghmlu solar CCTV u nwahhluha ma' arblu. Sar qbil li ghandna nigbru l-istimi mehtiega.

4.2 Sar qbil ukoll li l-underground Bring-in-Sites ghandha titpogga fuqhom sticker li huma koperti b'CCTV ghax jekk tinqala' xi kaz li jinhtieg li naraw il-filmat, ma nkunux nistghu nipprocedu fuqu. Fil-fatt huwa rrefera ghal kaz li gara f'dawn l-inhawi ta' attentat ta serq f'residenza. F'dan il-kaz il-Kunsill qabel li l-camera ghandha tinqala mill-post fejn hi, tigi upgraded ghal wahda solari u titwahhal fuq wara tal-bins biex tkun tista tkopri area akbar.

## 5.0 Tender ghas-servizz ta' open skip

5.1 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog tender ghal servizz ta' open skip wiehed li jitpogga fi Triq Wied Merill kull nhar ta' Sibt bejn it-8:00am u nofsinhar. Il-Kuntratt ghandu jkun ghal sena u jista jiggedded ghal tlett snin.

## 6.0 Tkomplija ta' xi xogholijiet zghar fil-pjazza

6.1 Is-Sindku rrefera ghaz-zjara li kellu flimkien mal-Perit tal-Progett tal-Pjazza u ma' ufficjali tal-KNDP rigward xi xogholijiet zghar li jonqos isiru fil-pjazza. Huwa rrefera ghaz-zebra crossing li jinhtieg li jsiru permezz ta' tactile studs u jkunu wkoll koperti bil-pedestria lights b'sistema solari. Hemm bzonn ukoll li ssir tabella li tindika l-parking tad-disabled.

6.2 Is-Sindku rrefera wkoll ghall-pump room li hem mibnija taht l-art u ghal fatt li peress li mhemmx mahsub fejn jista jmur jekk jidhol xi ilma tax-xita u b'hekk ikun ta' detriment ghall-pompa tal-fontana tal-pjazza li tiswa madwar €10,000, huwa propona li naraw jekk nistghux naghmlu xi tip ta' struttura pulita fuq barra u npoggu l-pompa go fiha. Saret diskussjoni jekk din tistax tkun ta' ostaklu ghall-armar tal-festa jew ghall-parkegg. Sar qbil li naghmlu laqgha mal-perit tal-progett rigward dan.

## 7.0 Quotation ghall-Insurance tal-Kunsill

7.1 Peress li l-Insurance tal-Kunsill skadiet, il-Kunsill gabar tlett stimi ghall-insurance tieghu u l-istimi migbura kienu kif gej:

Citadel Insurance - €593.80

Allcare - €698.70

Laferla - €571.50

Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward ghandu jaghzel l-orhos stima dik ta' Laferla Insurance ghall-prezz ta' €571.50.

## 8.0 Materji ohra

8.1 Gie trattat il-fatt li l-applikazzjoni tal-Unjoni Ewropea li tefghu Ta' Cangura Folkgroup biex tittellgha' event bejn is-17 u l-20 t'Ottubru 2014, giet accettata u giet fl-ewwel post. Il-Kunsill fahhar din l-inzjattiva u ser jissapportja dan l-avveniment billi jaghtihom €1000 bhala parti mill-co-financing.

Il-laqgha ntemmet fid-9:30am.

*Anthony Cassar*

*Sindku*

*Lucienne Haber*

*Segretarju Ezekutitv*